IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għawdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb*.

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea(str.Cristoforu,numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IL HAMIS, it-22 TA AŬISSU, 1912. NRU. 28.

Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.

Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.

† P. ARCISKOF U ISKOF.

Daŭc il ħbieb

Dan li sejjrin ingibu haŭn bil Malti (seŭŭa chienu ighidu ix-xjuħ taghna li ix-xokka tigi f'moxtha) chitbuħ bit-Taljan minn Londra lill *Corriere di Sicilia*, ta Paliermu, fid-9 ta dan ix-xahar. Nitolbucom tix-tarruħ tajjeb: u, biex ma tħaŭŭdux ħaġa mal oħra, xtaċna ucoll inŭissucom li ma ghandu x'jaksam xejn mal *Cungressi Eŭcaristici*, biex ma taħsbux li kieghdin inrossu fukhom iż-żejjed, ghad li dan hu id-dmir taghna.

"It-tielet Cungress Cattolicu Ingliż bida ilbieraħ tl'ura (is-sebgha t'aŭissu) fil Cnisja famusa ta San Ġŭann Battista, geŭŭa il belt ta Norwich: Cnisja li ghamel minn butu id-Duca ta Norfolk u li ma tistax tcun aħjar u isbaħ biex isir Cungress bħal dan fiha.

"Il Cungress kieghed imexxiħ il Cardinal Bourne, Arci-Iskof ta Westminster, bħala President tieghu.

"Dan il Cungress hu ħaġa tal acbar impurtanza ghall Cnisja Cattolica: u il ghażla tal belt ta Norwich *fiha ŭisk x'tiżen*, ghax minnha tibda li storja antica tan-Nazzjon Ingliża u hi ħaġa li tfarraġ il klub tal *Cattolici* meta jaraŭ dan il Cungress maghmul minn ŭieħed mil Prinċpijet tal Cnisja, flimchien ma ħmistax l'Iskof, miġburin mill'inħaŭi collha tas-Saltna Ingliża f'belt li ghandha il biċċa il cbira tan-nies taħħa *Protestanti*.

"Norwich taghmel *mit elf ruħ* u cattolici ma tghoddx ħlief xi *erba' t'elef*.

"L'Inghilterra ghadha tati l'esempju lil bosta bliet oħra, ghax taħmel bil ħakk collu li fiha cullħadd jaghmel ir-Religjon tieghu: u hi ħaġa xierka li aħna fuħ dan infâħħruha.

"Fl'eŭŭel ġurnata tal Cungress, l'Eminentissimu Cardinal Bourne u l'Arci-Iskfijet ta Birmingham u Liverpool, flimchien mat-tnax l'Iskof l'oħra Ingliżi, geŭ milkughin b'pompa cbira fil Palazz tal Belt mil Borgumastru, liebes il famusa uniformi ta Norwick u imdaŭŭar bil Cbarat collha tieghu!

"Il Borgumastru, bħala Cap ta dic il Belt, ŭara li tà lil daŭc l'Iskfijet il *Merħba-bihom*, chif chien xierak, kâl fit-Taħdita tieghu li *il Cattolici ghandhom il jedd collu ighidu chif jaħsbuha kuddiem cullħadd, f'pajjiż libru, bħalma hi l'Inghiltera; u ħadd ma ghandu ifixchilom.*

"Imma il Borgumastru, b'din id-dichjarazzjoni, ŭira curaġġ cbir, mita aħna niftacru li il famusa *Protestant Alliance* tal famus Reverendu Kensit chien ilha ġranet ixxeŭŭex in-nies bi cliem kalil u aħrax contra din il *Lakgha tal Papisti* (chif issejjaħ hi il Cungress tal Cattolici Ingliżi).

"Din il *Protestant Alliance*, biex tkarrak bil biċċa il cbira tal Protestanti, chienet saħansitra ħabbret li fil Cungress ta Norwich CHELLU IMUR IL PAPA!" (*Ŭerka gharbija* mhux sgur chien icollha il ŭiċċ *tkażżeż* dic il ħmerija, biex jemmnuha id-drieŭex tal kieraħ tas-Saħara!)

"Imma in-nies ta Norwich ma belghuhiex: u il Cattolici tal Cungress mhux biss li ghamlu il lakghat taħħom bla biża ta xejn, imma ħarġu iduru mat-torok b'Salib fuk sidirhom imdendel f'cuccarda bil culuri tal bandiera tal Papa (żigarella bajda u oħra safra): u minn cull fejn ghaddeŭ cull-ħadd urihom kima u imħabba.

"Il Cardinal Bourne, fi priedca li ghamel, chellu jisimghuħ fuk elfejn ruħ: u tchellem, bil ħrara u bil ħabta, fuk il *Ghakda tar-Religjon*, fejn kâl ċar u tond, chif jaf ighid hu bil gherf tieghu, *li ma jistax icun hemm dic il Ghakda ħlief fil Cnisja Cattolica-Apostolica-Rumana.*

"Fl'aħħar, kâm id-Duca ta Norfolk (l'actar bniedem Nobbli tal Inghilterra, sebħ u gieħ tal Cattolici Ingliżi) u iżża-ħajr lill Borgumastru tal lakgha sabiħa li ghamlilhom, chif ucoll ferah lill Cardinal u lill'Iskfijet l'oħra."

U aħna, fuk dan, nifirħu lir-Reverendu Kensit tal *Protestant Alliance.*

Cungressi Eŭcaristici.

Katt ma chienu ghadhom sâru daŭna il Cungressi fuk is-Sagrament tal Eŭcaristija fil Cnisja Mkaddsa, kabel is-sena 1881. Chienu isiru verament Cungressi fuk l'Eŭcaristija fil Cnisja, f'bosta pajjiżi u b'mod specjali f'diversi bliet tal Italja u ta Franza, ghaliex bosta sacerdoti zelanti u devoti tas-Sagrament tal Eŭcaristija chienu jaghmlu Cungressi, jigifieri chienu jingabru beinietħom f'li bliet taħħom, u jistudjaŭ u iħabircu biex jaraŭ ticber fost l'insara il fidi u id-devozzjoni lejn Gesù Sagramentat, imma katt ma chien ghadu sâr *Cungress Eŭcaristicu Universali*, jeŭ chif isejjħulu *Internazzjonali*, ghaliex chienu ghadhom katt ma intakghu sacerdoti, iskfijet, cardinali, chif ucoll seculari, mid-dinja collha, ta nazzjonijet differenti, biex jitchellmu fuk is-Sagrament tal Eŭcaristija. Chien fis-sena 1881 illi fil Cnisja Mkaddsa daħal dana l'użu ġdid tal Cungress Eŭcaristicu Internazzjonali, ghaliex meta il Cnisja rât il gid tant cbir li chien kieghed isir minn daŭc il Cungressi Eŭcaristici particulari, hija xtieket li isiru il Cungressi Eŭcaristici Universali. U l'eŭŭel Cungress minn din ix-xorta sâr geŭŭa il Belt ta Lilla, taħt il presidenza tal Cugitur tal Iskof ta Cambrey.—Tant mâr tajjeb dan il Cungress ta Lilla, tant cbira fidi u devozzjoni kajjem lejn Gesù Sagramentat, illi malair ħasbu ghat-tieni Cungress Eŭcaristicu Internazzjonali. Ghal dan it-tieni Cungress fuk l'Eŭcaristija giet maghżula il Belt imsemmija ta Avignone. Dana il Cungress sâr fis-sena 1882 u fiħ ippresieda l'Iskof Monsinjur Harley, li f'Ottubru ghandu jigi iżur il Malta, biex jiftiehem mal *Cumitat Esecutiv* taghna. Anche dana il Cungress mar tajjeb ħafna u bosta nies mid-dinja collha jingabru biex jaraŭ il festa tieghu. Ma sa haŭn il Cungressi Eŭcaristici chienu ghadhom isiru biss geŭŭa il Cnejjes, minghajr il festa ta barra. Chien fit-tielet Cungress li sar fil belt ta Liegi, illi fil Cungressi bdeŭ isiru anchi il festi ta barra, u dana il Cungress sar b'pompa tant cbira u sollenni illi baka jissemma. Ir-raba Cungress Eŭcaristicu Internazzjonali sar fil belt ta Friburgo, u giè ippresiedut minn Monsinjur Mermillod. Ghal dan il Cungress

ħadu parti collha chemm huma l'Iskfijet Svizzeri, u l'Iskfijet taljani ġeŭ irrappresentati mill'Arciskof ta Cagliari. Il ħames Cungress Eŭcaristicu Internazzjonali inġabar fil belt ta Tolosa, li hia belt imsemmija ġeŭŭa Franza, Haŭnhecc il gvern franciż ma riedx illi issir il festa bis-sollennità collha, bħalma saret fil pajjiżi l'oħra, ghalchemm Franza hija cattolica u dac iż-żmien il gvern ta Franza chien ghadu ma infiredx mil Cnisja Cattolica. Hija ħaġa ta min josservaha illi li Svizzera, ghalchemm pajjiż protestant, tàt libertà l'iżjed cbira biex isir il Cungress Eŭcaristicu, fil ŭakt li Franza, ghalchemm Cattolica, jeŭ aħjar il gvern franciż, ittanta li jisfratta is-sollennità tal Cungress li chellu isir geŭŭa Tolosa. Imma il Cardinal Despriez li dac iż-żmien chien Arciskof ta Tolosa, ghamel chemm felaħ. u biz-zelu tieghu irnexxielu illi iŭakka l'eghdeŭŭa tal Cnisja, u ghamel Cungress b'sollennità tant cbira li ghadda il Cungressi l'oħra.

Sa haŭnhecc, chif intom taraŭ, il Papa katt ma chien rappresentat fl'ebda Cungress Eŭcaristicu minn daŭna li saru s'issa, ghaliex katt ma baghat ir-Rappresentat tieghu, biex jidher u jitchellem minn f'locu: chien fit-sitt Cungress, illi sar fl'1893 geŭŭa il belt ta Gerusalemm, li il Papa baghat l'eŭŭel darba il Legat minn f'locu, u baghat bħala Legat il Cardinal Laugenieux. Chien jixrak ħafna illi f'dina il belt ta Gerusalemm isir dana il Cungress Eŭcaristicu u jieħu sehem fiħ anchi il Papa, ghaliex dina chienet l'eŭŭel belt li chellha ix-xorti tara istiżŭit is-Sagrament tal Eŭcaristija: anzi nistghu nghidu li haŭnhecc, fil belt ta Gerusalemm, geŭŭa iċ-Cenacolu ta Sijon, sar l'eŭŭel Cungress Eŭcaristicu minn Gesù Cristu u l'Appostli tieghu. Frattant, il ghażla ta dina il belt kajjmet ħafna tfixchil ghall Cungress Eŭcaristicu.

Kabżu malajr il potenzi, l'Inghilterra, Franza u l'Aŭstrja, li riedu ifixclu, ghax beżghu li hemm xi fini tal Pulitica, imma billi il Papa assigurahom illi il Cungress sejjer isir biss bħala ħaġa tar-Religjon, u ma hiex imdaħħla il Pulitica u l'ankas ma ghandhom x'jaksmu nazzionijet oħra, sata dan il Cungress isir bil libertà collha geŭŭa il belt ta Gerusalemm. Li stess Sultan tat-Toroc li jirrenja fuk Gerusalemm ma ghamel ebda reżistenza ghal dan il Cungress, anzi compla ħafna biex jirnexxi, saħansitra ghamel digriet illi is-sudditi tieghu collha ghandhom jistmaŭ il Cardinal mibghut mil Papa f'locu, u jaghmlulu li stess unuri ta Sultan. U il Cungress Eŭcaristicu ta Gerusalemm sar u irnexxa ħafna. Ictar sollenni minn daŭna, saru il Cungressi ta ŭara, f'li bliet franciżi u belgjani ta Parigi, Anversa, Reims, Paray, Monial u Bruxelles, ippresieduti mil Cardinali Pearaud u Gossens, chif ucoll il Cungressi li saru fil bliet ta Lourdes, Angoulème u Ruma, ghaliex billi daŭna li bliet huma ictar popolati mil belt ta Gerusalemm, u ictar fihom cummerċ u cumditajet, in-nies minn cul parti tad-dinja marret ghal daŭna il Cungressi. Dac, imbaghad, li sar geŭŭa il belt ta Ruma fis-sena 1905, chien ħaġa particulari, ghaliex fiħ chellu sehem il Papa Piu X, li ghamel pontifical sollenni fil Bażilica Vaticana, u fil Procissjoni ta dana il Cungress ta Ruma chien hemm 28 Cardinal, mijet ta Iskfijet, li bosta chienu ta rit orientali, u cotra cbira ta sacerdoti u religjusi.—Ŭara daŭna, sar il Cungress f'Tournai, ippresiedut mil Cardinal Nincenzu Vanutelli, chif ucoll dana li stess Cardinal ippresieda f'loc il Papa fil Cungressi l'oħra ta Metz, ta Londra u ta Colonja.—Anzi, fil Cungress ta Metz, flimchien mal Cardinal Vanutelli, chien hemm ucoll il Cardinal Fisher li miet daŭn il ġranet, chif ucoll fil Cungress ta Londra, barra mil Cardinal Vanutelli, chienu jinsabu sitt Cardinali oħra. Dan l'aħħar sâr il Cungress ta Montreal, fil Canadà, u il Cungress ta Madrid, fi Spanja, u fihom mhux biss ħadu sehem sacerdotti, isfijet u Cardinali, imma anchi li stess Re ried jieħu parti, bħalma fil Cungress li gejj ta Vienna, fix-xahar id-dieħel ta Settembru, sejjer jidħol ucoll l'Imperatur ta l'Aŭstria, li hua is-Sultan ta dic il belt. Kieghdin jaħsbu ucoll ghal dan il Cungress ta Vienna illi imorru bosta pellegrinaġġi ta insara, specjalment mill'Italja; u ma hemmx difficoltà illi il Cungress li seijer isir geŭŭu Vienna ma icunx ŭteħed mill'actar sollenni.

Hux dan trijonf tal Fidi, unur tal Cnisja u esaltazzjoni ta Gesù Sagramentat? Ghandniex aħna inħabircu ħafna biex is-sena li geija haŭn geŭŭa Malta Gesù Sagramentat ma icollux inkas glorja milli chellu f'pajjiżi oħra? Imma sabiex ictar nitħeġġu ghal dan il Cungress Eŭcaristicu li is-sena li gejja, fix-xahar ta April, icollna ix-xorti isir haŭn Malta, u sabiex incunu nafu chif ghandna ingibu ruħna, inħarsu ictar mil krib u naraŭ x'sar f'xi uħud minn daŭna il Cungressi Eŭcaristici li sâru l'aħħar, specjalment il Cungressi ta Londra, ta Colonja, ta Montrial u ta Madrid.

DUN ANTON VELLA, D.D.
(Jissocta) (*Cappillan ta ħal Luka*).

Fiex it-taljan ma jakbilx mal-malti

(jissocta man-numru 27)

Il-verb taljan ma għandux sura għall femminil. Il-verb malti għandu; u fl-aorist issir biż-żieda ta *t* f'bidu l-imperattiv; ara (hi) *Takbad, Taħseb, Tiġbed, Tagħraf, Tagħmel, Tagħżak, Tifhem, Tidher, Tcarcar, Tgħarbel, Tkarben, Tgorr, Tfur, Tkum, Tgħum, Tgħir, Tgħid, Trid*, u fil-passat issir biż-żieda ta' *t* ucoll imma f'tarf l-omma, ittra uħidha jecc taħbat ŭara vocali, u b'vocali kabilha jecc taħbat ŭara consonanti. Ara (*1*) *gieT, raT, taT*; (*2*) *klieT, mlieT, bdieT, rmieT, flieT*, imkassrin u mibdulin minn *kelâT, melâT, bedâT, remâT, felaT;* (*3*) *sfarET, ħdarET, ksarET, ħxienET, xjieħET, djiekET, tjiebET, rtabET, ŭsiegħET*; (*4*) *aġħaT, rgħaT* (pascolò) imkassrin, minn *dagħaT, ragħaT*; (*5*) *kabdET, ħarbET, xorbOT, korbOT, telgħET, kalgħET, lakgħET, refgħET, bierchET, ŭiegħdET, riegħdET, għarblET, għallmET, lakkgħET, kallgħET, tellgħET*, imkassrin minn *kábadET, ħárabET, xórobOT, kórobOT, tálagħET, kálagħET, lákagħET, ráfagħET, bierechET, ŭiegħedET, riegħedET, għàrblET, għàllemET, làkkagħET, kàllagħET, tàllagħET.*

Il-consonanti *t*, bħala sinjal tal-femminil, ma hix ħlief il-consonanti *h* mibdula, li filgħarbi nsibuha ŭara l-vocali *a* f'tarf chelmiet femminili bħal *chèlmah, chèlbah, xèŭkah, ŭèrkah, dàrbah, ħabtah, xagħrah, sûfah, sénah*, u li, billi f'fommna ma tistamax, bakghet fil-malti ma tinchitibx. Din il-consonanti *h* tissejjaħ *he-te* jeŭ *te marbuta*, u għandha li malli tħoss ŭarajha vocali, titbiddel u issir *t*.

Il vocali *a* nbagħad ta' kabilha, bħala vocali bla accent fl-aħħar taksima, tittiesef actar mil *he-te*, malli tħoss vocali ma' tarf il-chelma, għax tŭarrab għal collox. Vocali mela li tigi tmiss ma' tarf cull chelma, milli semmejna haŭn fuk, tigi tagħmel żeŭġ ħŭejjeġ: tŭakka' l-ekreb vocali li ssib fil-chelma u tbiddel il-consonanti *h* fil-consonanti *t*; għalhecc għandna *chelmtEJN, xeŭktEJN, ŭerktEJN, darbtEJN, sentEJN*, Għalhecc ucoll minn *siegħah*, mŭakka' l-vocali *a* u mbiddla l-consonanti *h*, għandna l-eŭŭel *siegħtEJN* u nbagħad bil-bidla ta' *ie* f-*a*, *sagħtEJN.*

Haŭn jiġri li, billi f'xi chelmiet jiġu jingabru goġġa ŭaħda tliet consonanti, il fostanija minnhom, jecc tinzerta ŭaħda minn l-erbgħa *l, n, r, għ* jeŭ il consonanti *m* bla lebda consonanti minn l-erbgħa li semmejna ma' genbha, titfa' kabilha vocali li tissejjaħ eufonica. Ara *kotnah, labrah, xagħrah, gimgħah, fergħah, kargħah*, li jagħmlu l-eŭŭel *kotntEJN, labrtEJN, xagħrtEJN, gimgħtEJN, fergħtEJN, kargħtEJN* u nbagħad, billi l-ittri *n, r, għ* ma jistgħux bejn żeŭġ consonanti jistemgħu seŭŭa, jdeffsu kbilhom vocali, u hecc jitŭalu f'*kotontEJN, labartEJN, xogħartEJN, gimagħtEJN, feragħtEJN, karagħtEJN.*

Hecc jigi għandna *sagħtèjn, gimagħtèjn, feragħtèjn, karagħtejn* li jinchitbu bil-vocali *a* bla accent kabel il-consonanti *għ*, xort'oħra minn *siegħât, gimgħât, fergħât, kargħât* li jinchitbu bil-vocali *â* ŭara l-consonanti *għ*.

G. VASSALLO

Tasmanja.

Chitbulna :—

«Krajna bi pjacir cbir l'ittra li baghat il General Barron, li chien haŭn Malta u issa jinsab Gvernatur ta Tasmanja, fl'Aŭstralja, lill'Imħallef Pullicin, President tal Cumitat tal Emigrazzjoni. Fiha kâl li 15 il Malti geŭ impiegati fil minieri, bi tmin xelini cull jum, u jinħtieġu 50 oħra li kieghdin isibuhom minn daŭc li hemm diġà fl'Aŭstralja. — Iddispjacieħ li daŭn il Maltin ma sabuhomx jinkalghu bl'Ingliż, barra minn ŭieħed minnhom illi giè impiegat b'iżjed salarju sabiex icun il *foreman* taħħom (jigifieri fukhom) u jaghmilha ta interpreti. — Dan il Gvernatur Barron li dejjem ħabb il Maltin kieghed jieħu ħsiebhom ghalavolja jinsab fil boghod. Nisperaŭ illi jibka ighin lil daŭc collha li imorru fit-Tasmanja, basta icunu jafu xi ħaġa bl'Ingliż, u nisperaŭ ucoll illi il Cumitat ta Malta ma jibkax l'ura sabiex jirnexxilu li iŭakkaf Emigrazzjoni bil ghakal ghall' Aŭstralja.

«U daks chemm kieghed jaħdem dan il Cumitat, u ifittex chemm jista liema huma l'aħjar bnadi illi fihom il Maltin jistghu isibu ix-xoghol u ighixu aħjar minn Malta ma jistax ma jirnexxilux. Alla icompli maħħom daŭn is-sinjuri tal Cumitat ghall carità li kieghdin jaghmlu ma sħabhom il Maltin u Ghaŭdxin.»

G. G.

It-tliet ilsna.

Lill Professur
Ramir Barbru ta San Giorg'.

SUNETT.

Bi tliet ilsna nitchellmu. Ŭieħed f'saħħtu,
li biħ il cobor taghna katt ma 'nsejna:
u lil cull-min giè haŭn jaħchimna taħtu
li demmna nieżel mil latin urejna.

L'ieħor, maħtuf u żorr, mhux aħna naħtu
li katt suret in-nies ma dakk f'ŭidnejna.
Jecc xi baghlin jiżżattu biħ ilmaħtu,
aħna fil bżonn, mhux ghax joghġobna, 'nkdejna.

It-tielet, mal ħalib, fuk dirghajn ommna,
daħal ġò kalbna. Biħ nitolbu ll'Alla
u biħ x'naħsbu ġò ruħna nghidu b'fommna.

U b'dac ilsien tchellem fid-dinja Cristu!
U biħ ghalibna! Biħ isimna ittalla!
Indmu, ħajjnin, li dac ilsien irfistu.

Fl' 14 t'aŭissu, 1912.

G. MUSCAT-AZZOPARDI.

Il Meût
TA
Napuljun il Cbir

INNU

Lill Cav. G. Muscat-Azzopardi, b'kima cbira

Chiesaħ u ħiemed, mitfi,
fuk gżira bosta mŭarrba,
minxur araŭħ hemm kieghed,
midrub minn t'Alla id-darba,
hedac li 'd-dinja collha
tasa' ma setghet katt.

Ŭakt illi ruħu ħierġa,
Marengo, Wàgran, Jena,
lemaħhom ħŭejjeġ fiergha,
ħŭejjeġ li igibu ħniena,
ħŭejjeġ tal ebda fejda
fuk dac li mŭarrab xatt.

Tas-Slaten tal Eŭropa
il chiel (1) chien rifes collha,
deherlu biss li b'saħħtu
il ghakda sata' iħollha
ta min fuk l'art isaltan
bis-saħħa tieghu biss.

Minfuħ bis-setgha tieghu,
bil medfgha (2) chien jitchellem:
ghadda minn nofs id-dinja,
lè ŭakaf, u lè sellem:
bniedem bħal dac hecc kaŭŭi,
min sata' katt imiss?

Ŭieħed biss sata': u messu;
u messu bi ħruxija
biex lilu fl'aħħar juri
setghetu il kaŭŭija...
dac Alla, li chien ħalku
u kajjmu minn ġò 't-trab.

Ta Napuljun il medfgha
xi sŭeŭ ghar-rieda t'Alla?
l'azzâr u is-setgha collha
li chien ŭarajħ dan ħalla?
minn dac il cobor collu
fl'aħħar ta ħajjtu x'sab?

Il ŭemen (3) ta Nisrani
ta ħajjtu fl'aħħar dkieka (4)
ma kalbu dar u farraġ
minn taħħa 'l cbira dieka:
fuk sider dac il bniedem
marsus chien il Misłub.

Fil ŭakt l'indiema fegget
u fegget maħħa it-tâma:
daż-żeŭġ setghat kaŭŭija
lè iħallu 'l bniedem ghama,
ghax ħelu, ħelu, ħelu,
imorru ikaŭŭu 'l klub.

Nidem u ittama: rebaħ?
il ħniena cbira t'Alla!
ŭara l'indiema, il maħfra
ir-ruħ fil genna ittalla:
dan cliem li Cristu kalu,
u cliemu ma imurx fl'art.

O Dîn nisrani ħelu!
o saħħa tas-saħħiet!
ġò fic it-tieba t'Alla
cburitu giet uriet:
li stess ghedeŭŭa tieghec
bi ġmielec int saħħart!!

NINU CALLEJA.

(1) Curuna tar-ras.
(2) Canum (mil gharbi).
(3) Fidi.
(4) Minuta seconda.

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA.—20. Il bniedem iŭaħħal kalbu fejn jinsab it-teżor tieghu.

Ma dûar il Gżira.

Niżżu-ħajr lil *Cunsill tal Opra tal Propagazzjoni tal Fidi*, li ghoġbu jibghatilna in-numru 35 tal *Annali*, mnejn jidher chemm taghmel il Cnisja Cattolica ghall fidŭa tal bniedmin f'daŭc l'artijet hecc imbieghda minn'na u chemm ibatu is-Sacerdoti taħħa ghall glorja t'Alla. Min jilħak jiftaħ dan il faxxiclu u jakra faċċata minnu ghandu jibka sejjer sal aħħar bi ħrara cbira, ghax isib fattijet li jisirkulu id-dmuħ minn ghajnejħ, imkar jecc icollu kalbu tal ħaġar samm: u daŭc m'humiex *rumanzi*, m'humiex ħrejjef maklughin minn żnied il chittieba biex isaħħnu li mħuħ u jitilfu li rŭieħ.

—Jiddispjacina li ma stajniex ingibu il poeżiji li ŭaslulna il gimgha l'oħra fuk il festa ta *Santa Marija*: l'eŭŭel nett, ghax, billi il *Ħabib* ħareġ ġurnata kabel, ŭaslulna tard; u, imbaghd, ghax geŭna ħamsa fuk li stess ħaġa. Biex ingibuhom collha, conna irridu nimleŭ il gażetta bihom: u biex naghżlu minnhom, conna nonksu jeŭ lil dan jeŭ lil dac. Ghandna nghidu ucoll, ħalli niftehmu darba ghal dejjem, li aħna, barra minn xi *tajra bajda*, ma 'nħobbux ingibu poeżiji li icunu ħarġu jeŭ sejjrin joħorġu fuk il *carti volanti*: imma nilkghu bil kalb dac li jinchiteb ghall *Ħabib*, jecc insibuħ ighodd ghalina, chif chien is-Sunett tas-Sur *G. C.*

—Il Cappillan ta ħal Luka mhux biss li kieghed jictbilna dac il ġmiel ta articuli fuk il *Cungress Eŭcaristicu*, articuli li juru lill cbar u liż-żghar xi dmir ghandna kuddiem id-dinja li nithejjeŭ ghas-sena li gejja bil ħila taghna collha, ghax katt, bħalma kâl ŭieħed Gharef, katt, mil *Migja ta San Paŭl* sa 'llum, ma chellna f'Malta ħaġa ta din l'impurtanza ghar-Religjon u ghall Patrja, imma ucoll kieghed jaħdem fil Parroċċa tieghu biex tati sehem chif jixrak fil ġbir tal flus ghan-nefka li gejja fukna. Ghamel Cumitat ta ghaxra min-nies, ħamsa Sacerdoti u ħamsa Seculari, li kieghdin iduru cull nhar ta ħadd bieb-bieb; u, f'xahar, ghad li il biċċa il cbira ma jatux ħlief sold ir-ruħ, diġà ġabar *ghaxar liri*, li jinsabu imkieghdin fil *Banc ta Malta*, fejn jatu ucoll li mghax taħħom. Esempju ta min ighożżu u jimxi fuku, ghax fir-Rħula il Cappillan irid icun ir-ruħ ta din il *Gemgha ta cull gimgha.*

—Sabiħ chemm jista icun it-*Taħbit il moħħ* tas-Sur *E. C.*: imma tkil ŭisk u min ma jafx l'*Algebra* tajjeb ma jistax ifissru: mela, ma ighoddx ghalina, ghax *loghob*, mhux *problemi*, irridu natu lill karrejja taghna.

—Daûc il familji li jixtieku, ghalavolja f'daŭn il vacanzi, jatu xi *lezzjonijet privati* ll' uliedhom, nirraccmandaŭlhom bil kalb. collha is-Sur Piju-Marija Gaŭci, li ghandu ħila u ħabta cbira, ghax imħarreġ ghal dan it-taghlim fl'aħjar Schejjel ta Malta u issa jinsab Precettur fil *Culleġġ ta San Paŭl*, dac stess li kabel chien maghruf bl'isem ta *Achille Cesareo*. Is-Sur Gaŭci jista ighallem tajjeb it-taljan, l'ingliż, il latin, il franciz, l'aritmetica u ħŭejjeġ oħra: u daŭc li jitolbuħ, ihejjihom ucoll seŭŭa ghall Liceo u seŭŭa ghas-Seminarju. Jokghod il-Belt, strada San Paolo, numru 284: u daŭc li icunu iridu jieħdu il lezzjonijet ma oħrajn, jatihom vantaġġ cbir fil ħlas tax-xahar.

—Giè maktuħ li il *Cungress Eŭcaristicu* ta Malta isir fl'aħħar ġranet ta April (1913) u il gheluk tieghu ghandu jaħbat nhar ta ħadd—l'aħħar ħadd ta dac ix-xahar.

—Ghaliex ħadd ma chitbilna fuk il festa ta San Dumincu? Ghandna tant ħbieb li setghu jictbulna! Hecc ġralna li, billi ma conniex haŭn il belt ghajr ftit ŭieħed nharu, ma stajna nghidu xejn. Ma gejniex ħlief ghall Panigircu ta Patri Ciuti u fuku tchellimna biż-żejjed.

—Il Cunferenza li ghamel Monsinjur Gaŭci, fis-Sala tal *Unjoni Cattolica*, fuk Patri Vella, giet imfaħħra minn cull-ħadd: aħna, ghall li stess ragjuni li ghedna issa fuk il festa ta San Dumincu, ma chellniex ix-xorti nisimghuha: iżda bosta ħbieb, li huma 'mħallfin tajjba daksna u aħjar minn'na, kalulna li bakghu mgħaġġbin bin-nisġa taħħa u bil ħabta li intkalet biha. Stajna nobsrŭħ, ghax il gherf u ix-xeħta ta Monsinjur Gaŭci huma maghrufin biż-żejjed.

—Is-Sur Ninu Calleja (letterat mill'aħjar) chitbilna hecc fuk il poeżija tieghu li kieghdin takraŭ illum: *Seŭŭili fejn jidhirlec il versi, imma kis l'ma tmisslix id-Dedica.* U aħna ghamilna xort'oħra: *Ma messejniex il versi u neħħejna il biċċa il ħoxna tad-Dedica.*

—It-traduzzjoni tal *Ligi fuk l'Emigrazzjoni fl'America* u il poeżija *Cxif l'America* ghall gimgha id-dieħla: mita ŭaslulna, il *Ħabib* ta din il gimgha diġà chien mimli.

—*Cattolicu* jecc hu minnu dac li chitbilna fuk li sar f'Cenematografu tal Cottuniera, ghandu ragjun ighemghem: imm'aħna, jecc ma jiffirmax l'articlu, ma nerfghuħx fuk spallejna.

Ma dûar id-dinja.

Il famusa fabbrica tal canuni Krupp ghamlet festi cbar ghaċ-centinarju tal fundazzjoni taħħa. Chien presenti l'Imperatur tal Germanja, li mhux biss ghamel discors, iżda ħa parti ucoll fil pranzu li intaghta.

—L'esplozjoni li ġrat il gimgha li ħarget fil Germanja, ghamlet ħsara u katlet nies actar milli chienu jaħsbu—ghaliex mietu 103. Ħarġu s'issa 60 cadavru—fost daŭna, iżda, ħafna li chienu ħasbuham mejjtin, chienu ghadhom ħajjin u salvaŭhom.

—Il ħsarat tat-terremot fil costa il-geŭŭa minn Costantinopoli chienu bil bosta actar chiefra mill'aħbarijet li conna smajna fl'eŭŭel ġranet. Li *Scorpion*, fregata americana, li raġghet l'ura lejn Costantinopoli mil port fejn l'actar chienet ġrat ħsara, tisgura li il mejjtin chienu actar minn tliet elef, u il feruti mill'inkas sitt elef. Hua qŭasi impossibbli tersak fejn ir-rħula ghall'intejjen tal cadavri; ir-rħula oħra huma qŭasi maħsudin mill'art. It-treghid l'art sejjer dejjem, u id-djar maħsusa kieghdin jakghu.—F'raħal, li fiħ il Captan u xi fizzjali oħra daħlu, sabu lil daŭc li bakghu ħaj in scantati bħal boloħ, minghajr ma jieclu, imgheżżin ma xulxin iheudnu fuk il cbira disgrazzja.

—Aħbarijet ucoll l'actar coroħ jaslu cull jum fuk l'esplozjoni tal mina ta Loraine, fil Germanja, li minnha tchellimna il gimgha li ghaddiet.—Migimgha ta kraba bakghu miġbura kuddiem id-daħla tal mina, f'ħemda l'actar cbira dejjem jistenneŭ li minn'ha joħroġ il cadavru ta xi karib, xejn ma jibżghu mix-xita li nieżla bil kliel. L'Imperatur fetaħ sottoscrizzjoni, u hu stess niżżel £750, u mar fuk il post, u giè milkuħ hemm minn erba' t'elef minatur—il cumpanija, imbaghd, barra minn £2,500, sejjra tati £10 lill familja ta cull mejjet.

—Il vapur *Città di Messina* micri bħala incrucjatur mil Gvern Taljan, ŭakkaf u kabad vapur cbir tedesc ta tliet-mit tonnellata, ghax chien ŭasal rapport li il vapur chien collu mghobbi bl'azzarini, iżda fl'eŭŭel tiftixa xejn ma sabu.—Hasbu allura li l'azzarini chienu moħbija taħt il faħam Ghaldakstant il vapur giè mibghut f'Stampalia

sabiex issir tiftixa aħjar. S'issa ghadna ma smajna xejn actar.

—It-tubi tal caldarun, tal fregata franciża *Veretè*, ŭaħda minn daŭc li geŭ Malta ghaż-żjara tas-Sultan taghna, xcattaŭ, b'katgha tal eqŭipagġ hecc cbira, li bosta mil baħrin kabżu il baħar u ghamu lejn l'art. Il Captan malajr dakk it-trumbetta u sejjħilhom abbord u ċanfarhom chemm felaħ.

—Ir-Religjon taghna Cattolica kieghda taghmel prugress cbir fir-Russja. Actar minn nofs miljun ta Sciżmatici gharfu il verità tar-Religjon taghna u saru Cattolici. Il Cleru Sciżmaticu hu imħasseb ŭisk fuk hecc, u mhux biss ghemghem mal Gvern iżda insista sabiex fis jara x'jaghmel. Il Gvern, imbaghad, ghemghem mal Vatican u hemm biża li isejjaħ l'Ambaxxiatur tieghu u hecc jicsirha ma Ruma.

L. M. C. G.

"L'Eco di Nazareth"

Din il gażetta li toħroġ haŭn Malta, darbtejn fix-xahar, u li hi ŭaħda mill'actar li żammeŭ tajjeb, ghax ilha toħroġ 39 sena, tisthokkilha il kima ta cull-ħadd, l'eŭŭelnett ghax dejjem chienet mictuba minn idejn tajjba (biż-żejjed insemmu, fost l'oħrajn, il Monsinjur Dun Enricu Carŭana, li chien iħobbha bħal biċċa minn kalbu) u imbaghd ghax hi maghmula biex il klieħ li jibka minnha imur ghax-Xirca ta *San Vincenz di Paŭla*, li Alla biss jaf chemm tati ghajnuna lill fkar tal Belt: imma, fil ħarġa ta nhar is-sibt li ghadda, dehru fiha żeŭġ articuli (il ŭieħed jismu *Il merito delle vittorie* u l'ieħor *La lingua maltese*) li, ghalchemm sbieħ fihom infushom, kanklu żeŭġ chittieba contra taħħom. Aħna ma 'ngibux dac li chitbulna, ghax it-tnejn ghażżu il pinna ftit iż-żejjed, ghad li ŭieħed minnhom imdorri jicteb ħafna fil *Ħabiḃ* u l'ieħor min jaf chemm chiteb f'li stess *Eco di Nazareth*: imma jidhrilna li ghandhom ragjun it-tnejn (u m'humiex nies li jaraŭ ħażin chif gieb u laħak), ghax daŭc iż-żeŭġ articuli mhux biss li joħorġu ftit-u-xejn mil ghalka 'mkaddsa ta dic il gażetta—isimha ighid ŭaħdu sa fejn ghandu jinfirex il kasam taħħa— imma inkas ma huma mitraħ tal ŭard ghall Malta!

Mil bkija, dic l'ittra tal Canonicu Dun Saver Carŭana (mictuba mil *Camp ta San Giusepp* lill'Armirall *Nelson*, fil 5 ta frar 1799) li gieb bit-Taljan *l'Eco di Nazareth*, biex juri *ta min chien il meritu tal vittorja* li ghamlu il Maltin contra il Franciżi, m'hi xejn ħaġa ġdida; aħna gibniha bil Malti f'*Nazju Ellul* (min irid jakraha jista isibha fil faċċata 250) u gibniha BIEX NURU IL CUNTRARJU! Xtakna, mela, li l'*Eco di Nazareth* jitlak f'idejn gażetti oħra daŭn il qŭistjonijet fuk li *Storja ta Malta*, ghax, ghal-chemm hi cbira il kima li ghandna ghaliħ, ghal-chemm nghożżuħ bħal ħaġa taghna, id-demm ma isirx semm, ighid il Malti.

Dan li ghedna s'issa imiss l'articlu imsemmi *Il merito delle vittorie*: fuk l'ieħor, *La lingua maltese*, nistkarru aħna stess li ma joħroġx ghal-collox mil ghalka tal *Eco di Nazareth*: imma dac li chitbilna contra tieghu ghemghem ħafna u iddarras ghal-collox fuk it-tifsira tal chelma *Barbari*, li biha San Luka sejjaħ il Maltin fil *Ctieb tal Appostli*, ghax deherlu li ħaġa ta rekka hecc cbira il Chittieb tal *Eco di Nazareth* sejjer iŭakkaħha ghaċ-ċajt. Iżda fuk din aħjar nitchellmu darb'oħra, jecc naraŭ li ma 'nfidniex fejn xtakna b'dan l'articlu ta ħbieb li ghamilna aħna, f'loc it-tnejn li geŭna.

Itolbu ghall mistrieħ tar-ruħ ghażiża tas-Sinjura AGATA REFALU, omm ir-Reverendu Canonicu Dun Achill u il Professur Michel'Anġ,D.D., Assistent-Avucat tal Curuna. Chellha 76 sena, mghoddija bejn il Cnisja u id-Dar: u chienet mara ta min jibka isemmiha bħala mera tal ommijet cattolici. Alla jatiha il Genna.

Iftacru ucoll ŭakt it-talb taghcom ll'Alla, fir-ruħ ta CENSU PACE, li miet, il Birgu, daŭn il ġranet, ta 59 sena Chien iħobb il Cnisja.

MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN

XARADA.

Biex tieħu *l'eŭŭel*— trid sôd *it-tieni*:
it-Torc iħossu—ġò *collox* hieni.

G. P.

L'aħħar TAHBIT IL MOHH chien:

Raid bhima marbuta minn siekha u rasha bil krun maktugha.

Giebuħ daŭn biss u barra minn tnejn mhux għal-collox: mil Belt, is-Sinjurina T. Mizzi u is-Sinjuri Carmelu Griscti, Piju–Marija Gaŭci, Gius. Sciberras u Paŭlu Cammilleri Bezzina—u minn Ghaŭdex C. A. (ir-*Rabat*) u is-Sur Dŭardu Grima (*San Laŭrenz*).

Imma ghandna nistkarru li dic l'A riedet tcun b'*rasha* iżjed imdeffsa geŭŭa il chelma *krun 'maktugha* b'linja: ħaġa li ghandu icun li Stampatur ma satax jaghmel aħjar.

[*Dun Paŭl*] [*Proprietà letteraria*]

Omm tasseu u Omm taparsi

(Mit Talian ta F. Martinengo P. d. M.)

Fis-seba' ta filgħaxija chienet tibda il funzioni. Żagħżuħ, minn kalb il ħaddiema, chien jakra, jgħajjat, fûk ctieb tal *massmi eterni*; sachemm, bil ftît il ftît chienet tintela il cnisja' u ikûm Toni (ŭieħed mil ixjaħ tar-raħal, ragel tar-ruħ, maktûgħ l'antica, li chien jâf bl'ammont l'istejjer collha tat-Testament il gdîd u 'l kadîm); dan mela chien ikûm minn postu, imûr jogħkôd għarcoptejħ fûk il bradella tal artal tal Madonna, iselmillha b'râsu u jakbad igħid ir-rusarju, u chienu iŭieġbu għalih innies collħa, rgiel u nisa, subien u bniet.

Mbgħad il Cappillan minn fûk l'artal tal Madonna chien idûr ŭiċċu lejn in-nies u jagħmel erba' chelmiet collha ħrâra; u chien jeŭ ikegħdilhom taħt għajnejjhom ŭaħda mil virtujiet sbieħ tal Madonna ħalli jimitaŭha, jeŭ igħidilhom xi biċċa mil ħajja kaddîsa tagħha, jeŭ jirraccontalhom ŭieħed mil bosta miracli li għamlet, ħsiebu dejjem li jiġbed xi tagħlîm għal ħajja, li l'actar chien jgħodd għal ċaŭc li chienu jisimgħûh. Flaħħar, il funżjoni chienet tagħlâk b'cant ta tifħîr lil Madonna, u chif dan jispiċċa, chienu collha jarġgħu għal dârhom, ŭiċċhom ferħan, itennu ŭieħed lil ieħor dac li chienu raŭ u semgħu, u idûmu biċċa seŭŭa jitħâddtu fuk hecc ġo darhom. B'dan id-devozzjoni tax-xahar ta Marija chienet xterdet hecc fil parroċċa, li mgħat-tielet sena chienet sarêt id-devozzjoni tar-raħal collu.

Imma din is-sena ix-xahar ta Marija chîf deher ma bediex b'dac l ferħ ta dari. Tasseŭ li għal istatŭa tal Madonna ma chienx nakas ŭard u xamagħ, u ankas ma naksu in-nies u'l ħrâra; imma il Cappillan, li chien il kofôl, deher kalbu seŭda u bla ħeġġa. Meta dâr lejn in-nies biex jagħmel daŭc l'erba' chelmiet chîf dari, ŭara li semma xi ftît fûk il ħniena ta omm li għandha Marija għalina, kabeż jitħaddet fûk daŭc li nseŭ il gîd li għamlitilhom u, kalbhom jiebsa, telku minn taħtha, ma jgħarfûx iżjed u jiċħdu lil Dic, li f'ħoġor ommhom chienu tgħallmu isejjħulha bl'isem l'actar ħelu ta Omm. Issocta igħid, li bħalma mîn għandu *divozzjoni* jeŭ mħabba mil kalb lejn Marija tista' tgħid għalih li ruħu hija għal genna; hecc għal mîn ma iħoss ebda gibda Lejha u ma jieħûx ħsieb jitlobha, li actarx is-saħta hija fûk ruħu. X'ingħidu mbgħad għal daŭc li, mux biss ma iridûx jafu b'Marija, imma icasbruha u iżebilħuha bil lsienhom? Msejcnîn! riġlejjhom f'xifer l'infern u ankas jintebħu... U haŭn ix-xŭejjaħ, kalbu tajba, ħareġ bi cliem hecc tal ħniena, li bli lfîk leħnu nħanak. Żamm ftît, u ŭara li iqqŭjeta temm cliemu hecc:— Nitolbu, uliedi, nitolbu lil Marija, li icollha ħniena minn'na, minn dârna, mil paroċċa, minn collħadd, u mil għedeŭŭa tagħha ucoll. Marija hija hecc ħanîna, li taklgħalna il grazzja: nitolbu!— U lil chemm chienu jisimgħûh nofs belleħom; li, ħerġîn minn hemm u ftît mil cnisja, bdeŭ isaksu ŭieħed lil ieħor:—Smajtu lil Cappillan?—mingħajr ma sata' ħadd jakta' x'chien dac il cliem tiegħu ta ŭieħed kalbu miġugħa. Imma Majsi u Matti, il ħbieb tiegħu tal kalb, u fûk ixxŭiec actar minn collħadd biex icunu jafu x'chien li il Cappillan fetaħ hecc kalbu, ftemu dic il lejla li għandhom imorru isibûħ, jaraŭ jitchixxfûx xi ħaġa.—Hu hecca għamillu xi biċċ'oħra il protestant (kâl Majsi lil sieħbu); trîdx immorru nsaksu lil Cappillan?—U marru tasseŭ.

Sabûħ ŭaħdu f'camra żgħîra, fejn chien jakra u jicteb, bilkegħda kuddiem dakxejn ta mejda. Kuddiemu ma chellûx u la cotba u ankas carti u scritti; imma b'râsu mitlûka fûk idu ix-xellughija donnu ma chienx midhi b'ieħor ħlief bi ħsebijiet ta dîk il kalb. Ŭara li sellmulu u biesulu idu, meta raŭħ jakta' fil kasîr u iħalli malair id-discors jaka, Majsi ma bakâx actar jaħbi u kabeż kallu:

—Nistgħûx nafu x'għandec, sur Cappillan, il-lejla, bla cliem?

—Jecc inhu għaliex għandec x'tagħmel... żied Matti...u għamel ta bir-ruħu ħiereġ il barra. Imma il Cappillan kallhom:—Le, le, uliedi: okogħdu, okogħdu chemm jogħġobcom.

—Imma naraŭc hecc ħusbien, li jddejjkilna kalbna.

—Imma, jaħâsra, sur Cappillan! għidilna għaliex int hecc kalbec seŭda. Inti mux dejjem għidtilna li aħna il ħbieb tiegħec tal kalb? Nâf li din hija collħa tjeba tiegħec,imma.

—La iddejjaknîx actar, Matt! Jien katt ma ċħadcom minn ħbieb tiegħi; imma għandcom tafu, uliedi, li il Cappillan, mischîn, mux dejjem xierâk għalih, li igħid b'collma jâf, u bid-dŭejjak u 'l hemm tiegħu bosta drabi ma jistâx jiftaħ kalbu ħlief magħ Alla biss.

—Jakaŭ? xi ħaġa tal krar? jecc inhu hecc ma nitniffisx iżjed.

—Li chienu ħŭejjeġ tal krâr, ankas ma contu taraŭni kalbi seŭda; għaliex il confessûr jisma tabilħakk, u jisma minn daŭc it-tokob tal confessjunarju; imma hecc chîf joħroġ minn hemm, jinsa' collox: seŭseŭ bħal da 'l ħajt, taraŭx, u beda iħabbat fûk il ħajt bil għacsa ta subgħajh,

—Mela la m'humiex ħŭejjeġ tal krâr (tenna Majsi) għaliex kiegħed tbiegħhielna hecc bil għali?

(17) *(Jissocta).*